# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 8**

**Citazzjoni numru 2764/97 AE**

**Grace Farrugia u t-tfal taghha Rachel Portelli u Angie Farrugia**

**v.**

**Sun Aviation Limited, Excelair Services Limited, Unique Travel Limited, Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili, Antonia Bartolo, mart l-assenti Carmel Bartolo, f'isimha proprju u bhala rapprezentanta legali ta' bintha minuri Liliana, Philip, Roseanne u Jo-Mark ahwa Bartolo, ulied l-istess assenti Carmel Bartolo u Ministru tat-Trasport u l-avukat Dr Victor Scerri u l-Prokuratur Legali Sharon Mizzi nominati b'digriet tas-26 ta' Dicembru 1997 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Carmel Bartolo[1] u b'digriet tat-23 ta' Ottubru 1998 il-kuraturi gew sostitwiti bl-avukat Dr Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, u b'digriet tat-2 ta' Mejju 2017 Dr Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew estromessi minn kuraturi u b'digriet tat-12 ta' Frar 2003 l-Avukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita gjacenti tal-mejjet Philip Bartolo u b'nota tal-21 ta' Marzu 2012 Antonia Bartolo, Liliana Bartolo,**

[1] Kull ma qalu fin-nota ta' l-eccezzjonijiet li pprezentaw fil-31 ta' Lulju 1998 (fol. 24) hu li m'humiex edotti mill-fatti.

**Roseanne Attard xebba Bartolo u Jacqueline Bartolo u ghan-nom tal-minuri Karl Bartolo jassumu l-atti tal-kawza minflok Carmelo Bartolo u b'digriet tat 2 ta' Mejju 2017 Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew estromessi minn kuraturi u b'digriet tat-2 ta' Mejju 2017 l-atti a rigward Philip Bartolo gew trasfuzi f'isem Antonia Bartolo, Roseanne Attard, Liliana Bartolo u Jacqueline Bartolo f'isimha proprio u bhala legittima rapprezentanta ta' binha minuri Karl Bartolo u b'digriet tal-31 ta' Mejju 1999 il-qorti awtorizzat l-intervent fil-kawza tas-socjetà estera Assicurazioni Generali S.p.A.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni mressaq mill-atturi li permezz taghha nghad:

> "Peress illi fit-3 ta' Dicembru 1995 Philip Farrugia kien passiggier abbord l-ajruplan Piper Lance li ghandu marka ta' registrazzjoni 9H ABU li kellu bhala bdot lill-konvenut l-assenti Carmel Bartolo, fuq titjira bejn Djerba, it-Tunezija u Malta.
>
> "Peress illi, waqt it-titjira bejn Djerba, it-Tunezija u Malta, l-ajruplan gheb bil-passiggieri fuqu u, sa llum instabu biss xi fdalijiet ta' l-istess ajruplan.
>
> "Peress illi, ghal dan l-incident, huma responsabbli solidalment il-konvenuti jew min minnhom, minhabba traskuragni, negligenza imperizja u non-osservanza tal-ligijiet tal-avjazzjoni civili da parti tal-istess konvenuti jew min minnhom, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
>
> "Peress illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-atturi sofrew danni, ghal liema danni huma unikament responsabbli solidalment il-konvenuti jew min minnhom minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tal-ligijiet tal-avjazzjoni civili da parti tal-istess konvenuti jew min minnhom, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.
>
> "Jghidu ghalhekk il-konvenuti solidalment jew min minnhom ghaliex m'ghandniex din l-Onorabbli Qorti:-
>
> "1. Tiddikjara illi l-incident tat-3 ta' Dicembru 1995 fejn l-ajruplan Piper Lance li ghandu l-marka ta' registrazzjoni 9H ABU u li fuqu kien passiggier Philip Farrugia ghab, gara tort unikament tal-konvenuti solidalment jew min minnhom, minhabba traskuragni, negligenza

imperizja u non-osservanza tal-ligijiet tal-avjazzjoni civili da parti taghhom jew min minnhom.

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess atturi, okkorrendo bl-opera tal-pariti nominandi, u

“3. Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment jew min minnhom, ihallas lil kull wiehed jew wahda mill-atturi, dik is-somma li tigi likwidata in linea ta’ danni.

“Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni”.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Ministru tat-Trasport u tad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili li permezz taghha eccepew is-segwenti:

“Illi fl-ewwel lok l-attrici trid tipprova l-allegat ghejbien ta’ zewgha, li dan l-ghejbien huwa inxindibilment konness ma’ l-incident li qed issemmi u li allura zewgha huwa assenti/prezunt mejjet u tali prova trid tirrizulta wara li jigu intentati l-proceduri li tipprovdi l-ligi.

“Illi fit-tieni lok il-Ministru tat-Trasport gie mharrek inutilment billi huwa la hu responsabbli ghall-amministrazzjoni gornaljiera tad-Dipartiment ta’ l-Avjazzjoni Civili u wisq anqas hemm xi ness logiku jew kawzali bejn dak li l-attrici qed tallega u l-agir tieghu. B’hekk huwa manifest li l-eccipjent Ministru tat-Trasport mhux legittima kontradittur.

“Illi kwantu ghall-eccipjent Direttur ta’ l-Avjazzjoni Civili dan ukoll mhux legittimu kontradittur f’din il-kawza billi m’hemm l-ebda ness kawzali bejn l-allegazzjonijiet ta’ l-attrici u l-operat ta’ dan l-eccipjent.

“Illi subordinament u minghajr pregudizzu ghas-suespost it-talbiet kollha ta’ l-atrici huma manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront ta’ l-eccipjenti billi huma agixxew skond il-ligi u skond kif jiddetta l-agir ta’ *bonus paterfamilias*.

“Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi”.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta Unique Travel Limited li permezz taghha kien eccepit:

“1. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma kellu xejn x’jaqsam ma ebda prenotazzjoni ta’ l-imsemmi Philip Farrugia ghar-rigward it-titjira in kwistjoni u cioe`

ma sar ebda “booking” mill-eccipjenti u di piu` lanqas kien il-“carrier” in kwistjoni u ghalhekk ma hemm ebda relazzjoni guridika bejnu bejn l-imsemmi Philip Farrugia u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

“2. Illi bla pregudizzju ghall-premess ic-citazzjoni odjerna hija nulla stante li l-atturi ma indikaw imkien fuq liema bazi legali qeghdin jibbazaw l-azzjoni odjerna.

“3. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-azzjoni odjerna hija kemm nulla kif ukoll intespestiva stante li l-atturi ma talbux lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-imsemmi Philip Farrugia bhala mejjet.

“4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri”.

Rat in-nota tal-konvenuti Sun Aviation Limited, Excelair Services Limited u l-familja Bartolo li permezz taghha kkjarifikaw l-eccezzjonijiet originarjament imressqa minnhom, sabiex b’hekk l-eccezzjonijiet taghhom kellhom jaqraw hekk:

“Li permezz taghha, kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti fl-udjenza tat-3 t’April 2009, il-konvenuti qed jindikaw liema mill-eccezzjonijiet preliminari taghhom ghandhom, skond huma, jigu trattati f’dan l-istadju, u inoltre jikkjarifikaw l-eccezzjonijiet taghhom kollha.

“Ghar-rigward ta’ l-eccezzjonijiet numru 1,2,3,5,6,7,14 u 16, il-konvenuti jitolbu illi dawn jigu kkunsidrati f’dan l-istadju bhala eccezzjoni wahda li taqra hekk:

> “1. Preliminarjament n-nuqqas ta’ interess guridiku ta’ l-atturi f’dina l-kawza peress illi m’hemmx relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-konvenuti, ma jirrizultax f’liema kapacità l-atturi qeghdin jaghmlu din il-kawza u inoltre ma tistax tigi istitwita kawza ghad-danni minhabba l-ghibien ta’ persuna izda biss minhabba l-mewt taghha, liema mewt trid tigi ppruvata permezz tac-certifikat relattiv”.

“Ghar-rigward ta’ l-eccezzjonijiet numri 4, 8, 9, 10, 11, 12 u 13 il-konvenuti jitolbu illi dawn jigu kkunsidrati bhala eccezzjoni wahda li taqra hekk:

> "2. Minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-eccipjenti mhumiex responsabbli ghal xi danni naxxenti mill-incident imsemmi fic-citazzjoni".

"Ghar-rigward ta l-eccezzjonijiet 15 u 16 il-konvenuti jitolbu illi dawn jigu kkunsidrati bhala eccezzjoni wahda li taqra hekk:

> "3. Minghajr pregudizzju ghall-premess kwalunkwe likwidazzjoni ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-limitazzjonijiet ghar-responsabbilità tas-sid ta' ajruplan stabbiliti mil-ligi".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Jannar, 2014, fl-ismijiet premessi, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt li:

(1) Cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-Ministru tat-Trasport u tad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili in kwantu saret prova li Philip Farrugia miet fl-incident tal-ajru, tant li hareg certifikat tal-mewt, bl-ispejjez relatati mal-eccezzjoni a karigu ta' dawn il-konvenuti;

(2) Laqghet l-eccezzjonijiet fil-meritu li nghataw mill-Ministru tat-Trasport u Direttur tal-Avjazzjoni Civili u cahdet it-talbiet fil-konfront taghhom, bl-ispejjez a karigu tal-atturi;

(3) Laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' Unique Travel Limited, bl-ispejjez a karigu tal-atturi;

(4) Cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Sun Aviation Limited, Excelair Limited u tal-membri tal-familja Bartolo u:-

i. laqghet l-ewwel talba kontra Sun Aviation Limited, Excelair Limited u l-konvenuti Antonia Bartolo, Liliana Bartolo, Roseann Attard xebba Bartolo u Jacqueline Bartolo f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Karl Bartolo, gia ladarba ddikjaraw li qeghdin jassumu l-atti tal-kawza minflok il-mejjet Carmelo Bartolo. Responsabbilta' li hi solidali bejn dawn it-tlieta cioè Sun Aviation Limited, Excelair Limited u l-membri tal-familja Bartolo.

ii. illikwidat id-danni fl-ammont ta' mitejn u tmienja u tmenin elf ewro (€288,000).

iii. ikkundannat solidalment lil:- (a) Sun Aviation Limited; (b) Excelair Limited; u
(c) il-konvenuti Bartolo gia ladarba assumew l-atti minflok Carmelo Bartolo sabiex ihallsu lill-atturi mitejn u tmienja u tmenin elf ewro (€288,000).

Bl-ispejjez kontra l-imsemmija konvenuti u bl-imghax mid-data tas-sentenza, b'dan li l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-kwart (1/4) mill-ispejjez taghhom peress li l-qorti hi l-fehma li dawn il-proceduri damu bla bzonn minhabba l-mod xejn diligenti kif ressqu l-provi taghhom. Spejjez tal-kuraturi a karigu tal-istess konvenuti.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "1. Dan il-kaz jitratta l-incident li sehh fit-3 ta' Dicembru 1995 meta ggarraf ajruplan Piper Lance (9H ABU) f'titjira bejn Djerba, Tunezija u Malta. Il-bdot kien Carmel Bartolo. L-atturi huma l-familjari ta' wiehed mill-passigiera, Philip Farrugia. Irrizulta li fit-2 ta' Dicembru 1995 l-ajruplan telaq minn Malta ghal Djerba, Tunezija.
>
> "L-ajruplan kien proprjeta' Sun Aviation Limited. Jirrizulta li qabel l-incident kien hemm certifikat ta' *airworthiness* li jkopri l-perjodu bejn is-16 ta' Jannar 1995 u l-15 ta' Jannar 1996 (fol. 249).
>
> "Philip Farrugia kien jahdem fil-Libja ma' Haniel & LUEG GmbH bhala *Assistant Driller* fuq rig taz-zejt. Fil-fatt ftit qabel kien iffirma kuntratt ta' impjieg datat 18 ta' Ottubru 1995 (fol. 99), u kien fi triqtu lura lejn Malta. L-ajruplan kellu air service licence *"[…] for the carriage and dropping of parachutists for hire or reward."* (fol. 252). Licenzja ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1995 u t-30 ta' Gunju 1996. Carmelo Bartolo kellu kumpanija ohra, Excelair Limited li kienet sid ta' zewg ajruplani (Piper Navajo PA 31-310 u Cessna Caravan II F406) u kellha licenzja *"[…] to operate aircraft on chartered services for reward or in connection with any trade or business*.". Fis-26 ta' Lulju 1995 id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili hareg licenzja fuq dawn iz-zewg ajruplani sabiex jintuzaw ghat-trasport pubbliku, licenzja li kienet valida sas-26 ta' Lulju 1996.
>
> "Il-bdot kellu licenzja ta' commercial pilot mahruga mill-Istati Uniti. Joseph Sultana, ufficjal tad-Dipartiment tal- Avjazzjoni Civili, xehed: "*The pilot had commercial pilot privileges limited to multi-engine aeroplanes so that under US law he could fly as a commercial pilot on multi-engined aeroplanes. As far as single engine aircraft is concerned he was only authorised to fly for private pilot privileges."* (seduta quddiem il-Bord tal-Inkjesta tal-5 ta' Gunju 1996).
>
> "2. Jidher li t-titjira in kwistjoni saret minn Excelair Limited, kumpanija ohra ta' Carmelo Bartolo.
>
> "3. Dwar dan il-kaz kienet saret inkjesta minn Bord ta' Inkjesta li kien inhatar mill-Ministru tat-Trasport, Komunikazzjonijiet u Teknologija fit-termini tar-Regolament 9 tar-Regolamenti (Investigazzjoni ta' Incidenti) tal-1956. Fir-rapport il-Bord kien ikkonkluda (fol. 182):
>
> > "*Upon the record in this case, and keeping in mind the terms of reference of this Board, there was evidence submitted to show that the proximate cause of the accident can be attributed to these factors, viz:*

*(a) lack of aircraft airworthiness;*
*(b) adverse weather conditions;*
*(c) pilot fatigue, anxiety and stress;".*

"4. Mill-provi li tressqu m'hemmx prova certa ta' x'wassal ghal dan l-incident. Hadd mill-passiggieri ma ghex u ghalkemm instabu xi fdalijiet mill-ajruplan, ma jidhirx li minnhom wiehed seta' jikkonkludi x'gara.

"Il-qorti hi tal-fehma li mill-provi rrizulta li:-

(a) Fit-titjira tat-2 ta' Dicembru 1995 meta l-passiggieri nizlu mill-ajruplan u marru jibgru l-bagalji, raw dak li gie deskritt bhala *alternator belt* imdendel. Spjegaw:-

- *David Sills*:

"*There was a belt hanging out behind the propeller. We pointed out to the pilot when we were unloading our luggage, and then when we got into the café area at Djerba airport the pilot had the belt in his hand*.".

- *Rodney Charles Wood* qal:-

"*At the side of the propeller were the air scope is I just happened to look in there and there was this drive belt/V belt all shredded, all in pieces. So I turned to the Captain and said 'I think maybe you had better have a quick look at thata' …... The Captain just put his arm in and pulled out this belt all in bits and pieces*.".

- *Omar Kleb* qal:

"*Upon landing I noticed a drive belt has been torn to pieces. I asked him what is he going to do. His reply was first to check if he can repair the damage, then would flight right away, otherwise wait until the next morning*.".

"F'dikjarazzjoni li ghamel fil-25 ta' Awwissu 1996 qal:-

"*Upon landing I noticed a drive belt has been torn to pieces. I asked him what is he going to do. His reply was first to check if he can repair the damage, then would flight right away, otherwise wait until the next morning*."

"(b) Dawn l-istess persuni spjegaw l-esperjenza qarsa li kellhom fuq dak il-vjagg. F'dan ir-rigward il-qorti tirreferi per ezempju ghal dak li xehed Rodney Charles Wood:

"*He kept trying to get the GPS to work and then as we continued he asked if I could try to fix the wiring on the GPS on the plug, so he gave me a torch and I just wiggled at it and I said no I darn't touch anything. I said I am not an aircraft engineer and I would do this on the ground. So he said can you just check the fuselage which to me they looked*

> *liked the resettable fuselage which was directly in front of me. So I shown the torch across …".*

"F'dikjarazzjoni li ghamel fl-24 ta' Ottubru 1996 qal:-

> "*We were all very cold and the pilot looked very worried. He handed me a torch plus some paper and asked me to try and find the fault on the GPS wiring. To which I said I am not an aircraft engineer and would not do anything to a plane on the ground, never mind at 10,000 feet in the middle of a storm*.".

"(c) Kien hemm il-maltemp. Joseph Sultana, operations officer mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, xehed li minn taghrif li kienu gabru mill-awtoritajiet Tunezini, irrizulta li l-bdot kien darbtejn mar l-ufficcju metereologiku ta' Djerba. L-ewwel darba fit-2 ta' Dicembru fit-8 p.m. u t-tieni darba fit-3 ta' Dicembru fit-3 ta' filghodu; "*it says that he looked at the weather as well from the weather satellite system. He looked at the matter and the tubs but he did not take the metereological report which the briefer had prepared. He told the briefer that ita' s all right and he left. This is a statement made by the Chief Inspector of Accidents presumably taken from the metereological briefer himself*". Sahansitra l-Maggur Joseph Mifsud, Kap Ufficjal Metereologiku fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili kkonferma li kienu hargu SIGMEt li ddeskrivieh bhala *"a warning to aircraft saying that there is great instability*.". Minkejja li t-titjira minn Malta kienet iltaqghet ma' maltempata qawwija u l-passiggieri jidhru li spiccaw imwerwirin, Carmel Bartolo ma jidhirx li ta wisq importanza lit-temp.

"(d) Fit-titjira tat-2 ta' Dicembru 1995 il-passiggiera lanqas inghataw *pre-flight safety briefing* qabel telqu minn Malta (Omar Kleb). Indizju iehor li ma jirriflettix tajjeb fuq il-*modus operandi* ta' Carmel Bartolo.

"(e) Il-Piper Lance 9H-ABU seta' jintuza "*for the carriage and dropping of parachutists for hire or reward*" (air service licence datata l-1 ta' Lulju 1995). Il-vjagg fatali ma kienx hekk ghalkemm jidher li l-b'dan l-ajruplan setghu jsiru vjaggi privati. Sar l-argument li l-vjagg in kwistjoni kien vjagg privat ghaliex il-passiggiera ma hallsux. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

"- M'hemmx prova cara li l-vittmi ma hallsux ghall-vjagg fatali;

"- Hu minnu li David Sills xehed li t-titjira tat-2 ta' Dicembru 1995 kienet *complementary flight*. Richard Tua ta' Unique Travel Limited ukoll ikkonferma tali fatt. Pero' ma jidhirx li kkonferma li t-titjira bejn Djerba u Malta kienet bla hlas.

"- 'Il fatt li fit-titjira tat-2 ta' Dicembru 1995 kien hemm min ma hallasx ma jfissirx li l-passiggiera tat-titjira tat-3 ta' Dicembru 1995 ma hallsux.

"- F'kull kaz anke jekk hadd mill-passiggiera, tat-titjira tat-3 ta' Dicembru 1995, ma hallas, ma jfissirx li tikkwalifika bhala titjira privata. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti li ladarba ma jsirx hlas allura t-titjira hi privata. Dan ma kienx xi vjagg fejn Bartolo siefer ma' hbieb tieghu. Kien vjagg organizzat minn kumpanija kummercjali (Excelair Limited), li sahansitra ma kellix licenzja sabiex taghmel uzu mill-ajruplan li ggarraf.

"- Tant il-Piper 9H-ABU kien jintuza minn Carmelo Bartolo ghall-vjaggi kummercjali li kien jigi reklamat bhala wiehed mill-ajruplani li jintuza ghall-vjaggi (ara rapport a fol. 397 tal-kawza 2751/1997).

"Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-konvenuti Bartolo li 'l fatt li ma ntuzawx l-ajruplani ta' Excelair Limited hi ndikazzjoni cara li t-titjiriet minn Malta ghal Djerba u lura ma kienux titjiriet kummercjali. M'hemm l-ebda prova ghalfejn ma ntuzawx l-ajruplani l-ohra.

"Ghalkemm dan 'il fatt ma kienx il-kawza prossima tal-incident, pero l-*modus operandi* ta' Carmelo Bartolo jitfa' dawl fuq il-mod laxk kif kien qieghed imexxi l-kumpaniji u d-decizjonijiet li kien qieghed jiehu. Il-qorti hi tal-fehma li dawn il-provi huma fihom infushom indizju ta' persuna li lesta tiehu riskji, haga li hu evidenti li ghamel meta ddecieda li jivvjagga fit-3 ta' Dicembru 1995.

"(f) Ma jirrizultax li sar xi xoghol fuq l-ajruplan qabel telaq minn Djerba fit-3 ta' Dicembru 1995;

"Id-deskrizzjoni grafika li taw it-tlett passiggieri dwar it-titjira li ghamel Carmel Bartolo fit-2 ta' Dicembru 1995 minn Malta ghal Djerba, taghti stampa xejn sabiha. Jidher li l-ajruplan wasa Djerba fit-8.29 ta' bil-lejl. Minn taghrif li kien inghata mill-awtoritajiet Tunezini, l-ajruplan kien inghata *takeoff clearance* fl-3.45 ta' filghodu tat-3 ta' Dicembru 1995 cioè sebgha sighat wara li wasal f'Djerba, Tunezija. Jirrizulta li fil-fatt l-ajruplan telaq u l-ahhar kuntatt mat-torri tal-kontroll f'Tunez kien fl-3.58 ta' filghodu. Hu evidenti li l-ajruplan, apparti li ltaqa' ma' maltempata kbira fi triqtu lejn Tunez, kellu problemi teknici li kien hemm bzonn li jigu ndirizzati qabel jerga' jtir fit-3 ta' Dicembru 1995. Il-qorti m'hijiex konvinta li dawn saru meta tqies:-

"(a) il-hin li fih wasal l-ajruplan;

"(b) qabel telaq minn Djerba, kienu ghaddew biss ftiti ktar minn sebgha sighat minn meta wasal;

"(c) li jekk kellu bzonn jinbidel l-*alternator belt*, Paul Lehman mill-Piper Aircraft Inc. qal: "*in order to replace the alternator belt on this type of aircraft, the propeller would have to be removed, involving an in-depth repair, and is not something that can be done in a transit stop unless there is technical back-up*." (seduta tal-14 ta' Mejju 1997 quddiem il-Bord ta' Inkjesta).

"(d) meta fit-2 ta' Dicembru ghal habta tad-20.45 cempel lil martu, Carmel Bartolo qalilha li kien ser iqattal-lejl Djerba biex jilhaq ighaddi l-maltemp. Ma qalilhiex li kien hemm bzonn issir tiswija fuq l-ajruplan.

"Skond l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili:- "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*." u persuna titqies fi htija meta fl-ghemil taghha ma tuzax "*il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*." (Artikolu 1032).

"Fil-fehma tal-qorti dan il-kaz jaghti lok ghall-presunzjoni tar-*res ipsa loquitur*. L-ajruplan kien tal-konvenuta Sun Aviation Limited, kienet it-titjira ta' Excelair Limited u l-bdot kien is-sid ta' dawn il-kumpaniji. Ajruplani, wkoll jekk zghar, normalment ma jaqghux. Normalment dawn it-tip ta' incidenti ma jigrux minghajr ma jkun hemm xi nuqqas ta' bniedem. Fil-fehma tal-qorti fix-xenarju deskritt hawn fuq hu ragonevoli li wiehed jassumi li fl-assenza ta' spjegazzjoni sodisfacenti ohra, l-incident sehh minhabba negligenza tal-bdot. Kien jispetta lill-werrieta ta' Carmelo Bartolo, Excelair Limited u Sun Aviation Limited jaghtu prova li fil-mument li l-ajruplan telaq minn Djerba, Tunezija kien *airworthy* u li t-temp kien tali li jippermetti ajruplan ta' dak it-tip li jaghmel *safe journey* u jasal Malta. 'Il fatt li f'Jannar 1995 id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili kien iccertifika l-ajruplan bhala *airworthy*, ma jfisser xejn. L-incident sehh kwazi sena wara. Il-konvenuti Bartolo, Sun Aviation Limited u Excelair Limited ma offrew l-ebda spjegazzjoni dwar il-kawza tal-incident.

"5. L-atturi harrku wkoll:-

"(a) Lill-Ministru tat-Trasport u lid-Dipartiment tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili. Fil-fehma tal-qorti m'hemmx prova li l-kawza prossima tal-incident kienet minhabba xi haga li ghamlu dawn l-awtoritajiet. It-titjira fatali saret fuq decizjoni personali ta' Carmelo Bartolo. 'Il fatt li l-awtoritajiet kienu qeghda jinvestigaw rapporti li kienu dahlu li l-ajruplan kien qieghed jintuza ghall-vjaggi kummercjali, b'daqshekk ma jfissirx li ghandhom igorru xi parti mir-repsonsabbilta. Fil-fehma tal-qorti m'hemmx ness bejn dan 'il fatt u l-incidenti li sehh fit-3 ta' Dicembru 1995.

"(b) Lil Unique Travel Limited. Ghalkemm jidher li din il-kumpanija kienet taghti servizz lill-konvenuta Excelair Limited, m'hemmx prova li kienet b'xi mod involuta fil-vjagg fatali li sehh fit-3 ta' Dicembru 1995. Mill-provi hu car li d-decizjoni li jsir il-vjagg u li jintuza l-ajruplan Piper kienet biss ta' Carmel Bartolo.

"6. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li r-responsabbilta hi ta' :-

- Carmel Bartolo gia ladarba huwa kien il-bdot u kien hu li ha d-decizjoni rresponsabbli li jaghmel it-titjira. Decizjoni li wasslet ghall-mewt ta' sitta min-nies u farrket familji, fosthom tieghu stess.

- Excelair Limited li kienet il-kumpanija li organizzat il-vjagg;
- Sun Aviation Limited li ppermettiet li jintuza l-ajruplan taghha ghall-titjira kummercjali meta l-ajruplan Piper ma kienx debitament licenzjat, il-bdot ma kellux licenzja biex jaghmel titjira kummercjali fuq l-ajruplan in kwistjoni, u Excelair Limited ma kellix licenzja sabiex toperah.

"Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni jinghad li hi nfondata gia ladarba mill-atti hu evidenti li l-atturi huma l-werrieta ta' Philip Farrugia u li m'hemmx dubju li miet flimkien mal-passiggiera l-ohra. Fil-fatt l-atturi pprezentaw ukoll certifikat tal-mewt tieghu. Mic-citazzjoni hu evidenti li l-atturi pproponew il-kawza bhala werrieta u dipendenti ta' Philip Farrugia.

"Il-konvenuti Bartolo jkollhom iwiegbu bhala werrieta ta' Carmel Bartolo ghalkemm huma personalment ma kellhom x'jaqsmu xejn mad-decizjoni li ha Carmel Bartolo li jaghmel il-vjagg fatali. Il-qorti fehemet li kien f'dan is-sens li pprezentaw nota fejn iddikjaraw li qeghdin jassumu l-atti tal-kawza minflok Carmel Bartolo. L-atturi stess fin-nota ta' sottomissjonijiet ma ghamlu l-ebda accenn li xi membru tal-familja Bartolo konvenut fil-kawza, kien negligenti jew traskurat. Ghalkemm fic-citazzjoni jidher li l-membri tal-familja Bartolo gew imharrkin personalment, konkluzjoni li l-qorti tasal ghaliha minhabba li gew imharrkin ukoll kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti Carmel Bartolo, fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi argumentaw li r-responsabbilta kienet tal-bdot, Sun Aviation Limited, Excelair Limited, Unique Travel Limited, id-Direttur tal-Avjazzjoni Civili u l-Ministru tat-Trasport. Ma sar l-ebda accenn li kien hemm ghemil minn wiehed mill-konvenuti Bartolo li jirrendih responsabbli ghal dak li gara fit-3 ta' Dicembru 1995. F'kull kaz mill-provi rrizulta li n-negozju kien qieghed imexxieh Carmel Bartolo u kien hu li jiehu d-decizjonijiet li hemm bzonn jittiehdu. Hekk per ezempju rrizulta kif fit-3 ta' Dicembru 1995 Carmel Bartolo cempel lil martu Antonia Bartolo u gharrafha biss li dak illejl ma kienx ser jivvjagga minhabba l-maltemp. Il-kawza prossima tal-incident li sehh fit-3 ta' Dicembru 1995 hu rizultat tad-decizjonijiet li ha Carmel Bartolo u l-*modus operandi* tieghu bhala direttur tal-kumpaniji fuq imsemmija.

"7. Ghal dak li jikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni, irrizulta li Philip Farrugia kellu 42 sena meta sehh l-incident. Kif rajna f'Ottubru 1995 kien beda jahdem bhala *Assistant Driller* b'paga ta' US$2,000 fix-xahar. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq:-

"(a) hmistax-il sena. M'hemmx prova li qabel l-incident Philip Farrugia kien qieghed ibati minn xi mard terminali. Ghalkemm huwa minnu li l-kuntratt ta' impjieg li kellu kien ta' sena, l-attrici xehedet li mis-sena 1980 zewgha kien beda jahdem fuq rigs taz-zejt (fol. 97). Prova li ma gietx kontradetta. Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' wiehed kien jistenna li jkompli jahdem f'din l-industrija.

"(b) dhul mensili ta' €2,000 meqjus li Philip Farrugia kien jahdem fuq rigs taz-zejt u u l-probabilita' hi li l-qliegh tieghu kien jizdied fuq firxa ta' 15 il-sena;

"(c) tnaqqis ta' 20% bhala own consumption, rata li qeghda tigi stabbilita meqjus li Philip Farrugia halla warah lill-martu u wliedu li huma dipendenti. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell fil-kawza Michael Borg et vs Joseph Curmi, deciza fl-24 ta' Frar 2012, osservat:-

> "*Din il-Qorti tosserva li, kif sewwa rrilevaw l-atturi appellati, il-kuncett ta' "dependency" ma nsibuhx fil-ligi taghna. Infatti, kif rajna aktar 'il fuq, f'kaz ta' mewt, id-danni dovuti lill-werrieta jigu komputati bhal fil-kaz ta' "inkapacità totali ghal dejjem" skont id-dispozizzjoni tal-Artikolu 1045 tal-Kap. 16. Ghalhekk, f'kazi ta' mewt, il-ligi trid li l-eredi jinghataw dak it-telf effettiv li jkun sofra d-decujus, daqs li kieku qed jippercepih d-danneggat, konsistenti fi (1) spejjez necessarji, (2) it-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali u (3) it-telf ta' qliegh li tbati (il-persuna inkapacitata) 'il quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, hlief li fil-kaz ta' mewt l-inkapacità tigi kunsidrata bhala wahda totali. Il-ligi ma ssemmi ebda tnaqqis minhabba dipendenza jew l-assenza ta' din, izda issemmi biss eredi.*
>
> *B'dan kollu din il-Qorti tapprezza u tifhem li biex issir gustizzja kemm mad-danneggat u mad-danneggant trid tigi ezercitata dik id-diskrezzjoni li l-Artikolu 1045 jaghti lil gudikant. Altrimenti jigri li jigi znaturat il-kuncett ta' "restitutio in integrum" li l-Artikoli 1029 et sequitur qed jipprovaw ireggu.".*

"Ghalhekk l-ammont dovut huwa ta' :-

"€24,000 x 15 il-sena – 20% = mitejn u tmienja u tmenin elf ewro (€288,000).

"Mhux ser jitnaqqas xi persentagg minhabba li l-hlas irid issir f'daqqa, gia ladarba l-kawza illha pendenti mill-1997.

"Il-konvenuti Bartolo, Aviation Limited u Excelair Limited invokaw il-il-Konvenzjoni ta' Varsavja for the Unification of Certain Rules Relating to International Carriage by Air. Fil-fehma tal-qorti:-

"(a) Jekk kellha tapplika din il-Konvenzjoni jidher li hi biss fil-konfront ta' Excelair Limited gia ladarba jidher li ttitjira saret minn din il-kumpanija;

"(b) Il-Konvenzjoni ma tapplikax. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-Artikolu 3(2) li jipprovdi:- "*Nevertheless, if the carrier accepts a passenger without a passenger ticket having been delivered he shall not be entitled to avail himself of those provisions of this Convention which exclude or limit his liability*.". Ladarba kienu l-konvenuti li nvokaw il-Konvenzjoni, kellhom l-oneru li jaghtu prova li l-passiggiera nghataw biljett tal-ajru li kellu d-dettalji li jissemmew fl-Artikolu 3(1) tal-

> istess Konvenzjoni, fosthom "*a statement that the carriage is subject to the rules relating to liability established by this Convention.*". Ma saret l-ebda prova f'dan is-sens u ghalhekk il-Konvenzjoni ma tapplikax. Dan apparti li l-qorti tqies li hu kontradittorju li filli jargumentaw li l-vjagg kien privat u mbaghad isostnu li tapplika l-Konvenzjoni".

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Antonia Bartolo, Liliana Bartolo, Roseanne Attard, Jacqueline Bartolo f'isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Karl Bartolo, Sun Aviation Limited u Excel Services Limited, minn hawn 'il quddiem imsejha l-konvenuti appellanti, li permezz tieghu talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija fil-31 ta' Jannar, 2014, billi tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom, bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat li r-rikors tal-appell intavolat minn Dr. Tonio Azzopardi u PI Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Carmelo Bartolo, illum dikjarat mejjet, kien cedut permezz ta' nota ta' cessjoni pprezentata fit-2 ta' Mejju, 2017, ghar-ragunijiet hemm imsemmija u ghalhekk din il-Qorti astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell intavolat minn Dr. Azzopardi et u tar-risposti relattivi.

Rat ir-risposti tal-appell tal-Ministru tat-Trasport u tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Avjazzoni Civili, li permezz taghhom issottomettew li l-appell mid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Jannar, 2014, fl-ismijiet premessi pprezentat mill-appellanti ghandu jigi michud u s-

sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti appellanti.

Rat ir-risposta tas-socjetà Unique Travel Limited, li permezz taghha ssottomettiet li d-decizjoni moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta’ Jannar, 2014 fl-ismijiet premessi, in kwantu laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjetà esponenti ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-appell u appell incidentali ta’ Grace Farrugia u t-tfal taghha Rachel Portelli u Angie Farrugia, li permezz taghhom talbu lil din il-Qorti sabiex filwaqt li (1) Tikkonferma dik il-parti fejn laqghet it-talbiet attrici fil-konfront ta’ Sun Aviation Limited, Excelair Limited u l-konvenuti Antonia Bartolo, Liliana Bartolo, Roseann Attard xebba Bartolo u Jacqueline Bartolo, f’isimha proprju u ghan-nom tal-minuri Karl Bartolo, u fejn illikwidat id-danni fl-ammont ta’ €288,000 u fejn ikkundannat lil Sun Aviation Limited, Excelair Limited u l-konvenuti Bartolo jhallsu din is-somma, okkorrendo billi tordna korrezzjoni fl-isem “Excelair Limited” sabiex din tigi taqra “Excelair Services Limited”; (2) Tikkonfermaha fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni ta’ Unique Travel Limited; (3) Tikkonfermaha fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-Ministru tat-Trasport u tad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili; (4) Thassaraha, tirrevokaha u tikkancellaha fejn laqghet l-eccezzjonijiet fil-mertu li nghataw mill-Ministru tat-Trasport u d-Direttur tal-Avjazzjoni Civili u konsegwentement tilqa’ t-talbiet tal-atturi

wkoll fil-konfront taghhom u tikkundanna lill-Ministru tat-Trasport u tad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili jhallsu s-somma likwidata solidalment mal-konvenuti l-ohra; (5) Thassaraha, tirrevokaha u tikkancellaha fejn iddecidiet dwar il-kap tal-ispejjez u konsegwentement tordna li l-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenuti appellanti; Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

Rat ir-risposti tal-appell tal-Ministru tat-Trasport u tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Avjazzoni Civili, li permezz taghhom issottomettew li l-appell incidentali in risposta, mid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Jannar, 2014, fl-ismijiet premessi, ipprezentat mill-atturi appellati, ghandu jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi, appellanti incidentalment.

Rat li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell u l-appell incidentali waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2017, u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ikkonsidrat:

Illi permezz ta’ din il-kawza, l-atturi bhala eredi ta’ Philip Farrugia, li kien passiggier abbord l-ajruplan Piper Lancer, bil-marka ta’ registrazzjoni 9H ABU, li kien gheb fuq titjira bejn Djerba t-Tunezija u Malta fit-3 ta’ Dicembru, 1995, qeghdin ifittxu lill-eredi ta’ Carmel Bartolo, il-bdot tal-imsemmi ajruplan, is-socjetajiet li permezz taghhom kien jopera t-titjiriet l-istess Bartolo, kif ukoll lid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili u l-Ministeru tat-Trasport ghad-danni.  Dana peress li qeghdin izommuhom ilkoll responsabbli ghall-istess ghajbien minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tal-ligijiet tal-avjazzjoni civili. Konsegwentement qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-kundanna tal-hlas tad-danni tal-konvenuti solidalment bejniethom.

Il-konvenuti appellanti hassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-31 ta’ Jannar, 2014, ghal diversi ragunijiet u jelenkaw hames aggravji da parti taghhom, li ser jigu trattati serjatim.

Permezz tal-ewwel aggravju l-konvenuti appellanti jilmentaw minn zball fl-okkju tas-sentenza, li fil-fehma taghhom ghandu jwassal ghan-nullità tas-sentenza.  Jinsistu li s-sentenza appellata hija irrita u nulla stante li nghatat fil-konfront ta’ Excelair Limited meta s-socjetà konvenuta appellanti fil-fatt jisimha Excelair Services Limited.

Jibda billi jigi nnotat li, wara li din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza, rrizulta li l-okkju fl-att promotur ossia fic-citazzjoni, fost il-konvenuti hemm indikata s-socjetà Excelair Limited. Hekk ukoll in-nota ta' eccezzjonijiet originali tal-istess socjetà gietipprezentata f'isem Excelair Limited. Hadd mill-konvenuti ma talab li ssir d-debita korrrezzjoni fl-okkju. Permezz ta' nota pprezentata fl-10 ta' Gunju, 2003, gie ndikat ghall-ewwel darba, li s-socjetà kien jisimha Excelair Services Limited, izda lanqas hawn ma jidher li saret it-talba ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza. Mhux ritenut xieraq li parti thalli l-kawza ghaddejja minghajr ma tissenjala zball fl-okkju tal-kawza mill-bidu, imbaghad tippretendi li fl-istadju tal-appell tithassar l-istess sentenza billi tigi attakkata bhala nulla. Li kieku dan jithalla li jsir, l-atteggjament potenzjalment qarrieqi jigi ppremjat billi thalli lill-parti tahrab mir-responsabbilitajiet taghha.

Ghalkemm il-konvenuti appellanti jargumentaw li dan l-izball ma jistax jigi rrangat minn din il-Qorti, din il-Qorti tara li l-Artikolu 175(2) u (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) jaghti poter lil din il-Qorti tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega anki fis-sentenza ta' prim istanza. Dawn is-subartikoli jipprovdu fis-sens illi din il-Qorti tista' tordna jew tippermetti, f'kull zmien sas-sentenza, li jissewwa *inter alia* kull zball fl-isem tal-partijiet, jew fil-kwalità li fiha huma jidhru, kif ukoll tista', sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-

kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju.

Fil-fatt fis-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza fl-ismijiet **Mirabelli noe v. Gollcher noe**, tal-14 ta' Marzu 1988, inghad:

> "*dan l-artiklu (175) .. serva u gie uzat mill-Qrati taghna biex jigu evitati duplicità ta' kawzi u dak il-formalizmu rigoruz li hafna drabi kien iwassal biex jigi stultifikat il-kuncett ta' gustizzja. Il-Qorti ziedet imbaghad li 'dan ma wassal qatt biex tigi stultifikata l-istess ligi li tipprojbixxi kull korrezzjoni li tkun tbiddel is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezjoni*".

Ghandu jinghad li l-artikolu in ezami, gie mibdul diversi drabi (l-ahhar darba fl-2016 u allura wara s-sentenza in ezami) u dejjem b'mod li ta aktar awtorità lill-Qorti biex tordna t-tibdil mehtieg anke fis-sentenza u l-atti tal-prim istanza; b'dan illi jibqa' importanti li ma jinbidel xejn fis-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjoni. L-introduzzjoni ta' dawn l-emendi msemmija, jirriflettu aktar ix-xewqa tal-Qrati, in sintonija ma' dak li tipprovdi l-ligi, li tevita multiplicità tal-kawzi meta il-vertenzi jistghu jigu decizi f'kawza wahda. Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Arthur Micallef et v. Oliver Cachia** deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fis-17 ta' Novembru 2004 fost affarijiet ohra jnghad hekk:

> "*Huwa assodat illi l-legislazzjoni u l-gurisprudenza ilhom progressivament jirrifuggu mill-formalizmu eccessiv fonti ta' litigi zejda u prokrastinazzjonijiet inutili basta ovvjament ma tirrizultax l-effettiva vjolazzjoni tal-ligi*".

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, huwa ritenut xieraq li din il-Qorti tichad dan l-aggravju u tordna lir-Registratur sabiex taghmel in-notament opportun fl-okkju tal-kawza.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju, dak fejn jinghad li l-konvenuti appellanti ma kienux responsabbli ghall-incident. Bazikament taht dan l-aggravju l-konvenuti appellanti jikkritikaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, in kwantu jikkonsidraw illi filwaqt li skartat il-provi mressqa minnhom, strahet fuq il-provi mressqa da parti tal-atturi u inoltrè jghidu li applikat hazin il-principju ta' *res ipsa loquitur.*

Sa fejn l-ilment tal-konvenuti appellanti jissejjes fuq l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tirribadixxi li bhala Qorti ta' revizjoni toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx jidher li fin-nuqqas tkun qeghda titwettaq ingustizzja serja. Dan l-ilment jehtieg li din il-Qorti tezamina is-sustanza tieghu, sabiex tkun tista' tara jekk l-ewwel Qorti setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom. Taht dan l-aggravju ssir referenza ghal hames punti principali.

L-ewwel punt taht it-tieni aggravju jitratta l-*alternator belt* imqatta'. Il-konvenuti appellanti jikkritikaw l-ewwel Qorti meta taghmel referenza ghax-xhieda tal-passigieri li kienu fuq it-titjira minn Malta ghal-Djerba tat-

2 ta' Dicembru, 1995, u f'dak li hija tiddeskrivi bhala *alternator belt* imdendel – li fil-fehma taghhom hija biss ipotezi tal-espert Paul Lehman, assunzjoni li fil-fehma taghhom mhix ipprovata. Jaghmlu referenza ghax-xhieda ta' Alfred Fenech tad-ditta NCA sabiex jishqu li kienet issir manutenzjoni regolari fuq l-ajruplan, inkluz it-tibdil tal-*alternator belt* madwar sena u hames xhur qabel l-incident in ezami. Fil-fehma tal-konvenuti appellanti l-ewwel Qorti skartat xhieda esperta dwar il-kondizzjoni tal-ajruplan a favur ta' xhieda mhux esperta u li ma kienitx konklussiva.

In materja ta' provi, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**, fejn gew elenkati r-regoli prevalenti fl-ordinament guridiku taghna fir-rigward, meta jinghad:

> "*a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*
>
> "*b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
>
> "*c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

> "*d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoadni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, tajjeb li jigi mfakkar li kif gustament osservat l-ewwel Qorti, dan l-incident ma halla ebda superstiti. Dan ifisser li hija kellha bil-fors tistrieh fuq ix-xhieda tal-passiggieri li kienu abbord l-ajruplan fi triqtu lejn Djerba li kellhom esperjenza ta' titjira mal-istess bdot, fuq l-istess ajruplan u fil-maltemp, ftit qabel l-incident, kif ukoll fuq ir-Rapport tal-Bord tal-Inkjesta li jinsab esebit in atti u li fih innifsu jikkostitwixxi prova. Il-passiggieri tal-vjagg tat-2 ta' Dicembru, 1995, lejn Djerba, fix-xhieda taghhom, kollha ddeskrivew din il-haga mdendla bhala *belt/drive belt.* Ta' min ifakkar ukoll li l-istess xhieda quddiem il-Bord tal-Inkjesta li kien inhatar mill-Ministru tat-Trasport, Komunikazzjonijiet u Teknologija fit-termini tar-Regolament 9 tar-Regolamenti (Investigazzjoni ta' Incidenti) tal-1956, semmew ukoll li kien hemm affarijiet ohra li kienu nkwetawhom, fosthom "*GPS was not functioning throughout the course of the flight*", li qabel ma nizel l-ajruplan f'Djerba "*there was a strong smell of burning rubber*

*and the voltmeter and ampmeter had gone off*'. Dan kollu jfisser li c-cintorin deskritt bhala mdendel barra l-iskrun huwa biss ezempju wiehed tal-problemi li raw b'ghajnejhom l-istess passigieri.

Ghalhekk, filwaqt li ma jidhirx kontestat li l-ajruplan kien soggett ghal manutenzjoni regolari da parti tas-sid tieghu, l-kondizzjoni tal-ajruplan wara l-vjagg tieghu lejn Djerba fil-maltempata qalila deskritta mill-passiggieri kienet tali li timmerita attenzjoni partikolari. Tajjeb li jinghad ukoll li quddiem l-istess Bord tal-Inkjesta, ma kienx biss Paul Lehman, deskritt bhala Piper Aircraft Inc. Air Safety Investigator, li ghamel referenza ghat-tip ta' tiswijiet mehtiega f'kaz li jrid jinbidel l-*alternator belt.* Izda Alfred Fenech stess, waqt is-seduta tal-21 ta' Awwissu, 1997, quddiem l-istess Bord xehed li z-zmien mehtieg sabiex isir xoghol u jigi rimpjazzat l-*alternator belt* kien tal-inqas ta' tliet sighat u li kien ukoll jehtieg tip ta' ghodda specjalizzata. Din il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Alfred Fenech tikkorrabora dik ta' Paul Lehman u l-Qorti ma tistax tiskarta l-opinjoni konkordanti taz-zewg esperti. Kien jinkombi fuq il-konvenuti appellanti li jressqu opinjoni teknika sabiex issostni tezi differenti minn dak li nghad mill-esperti li xehdu quddiem il-Bord tal-Inkjesta.

Inoltrè kienet ir-responsabbilità tal-bdot li, minkejja l-esperjenza u l-pratticità tieghu, jivverifika sew li wara dik il-maltempata l-ajruplan kien fi stat tali li seta' jerga jaghmel il-vjagg lura lejn Malta fi stat sigur u

minghajr ma jinkorri ebda perikolu ghalih jew ghall-passiggieri tieghu. Ghalkemm il-bdot qal lill-passiggieri li kien ser jivverifika u jsewwi l-hsara, ma rrizultat ebda prova li effettivament twettqet xi tiswija fuq l-ajruplan, jew li l-bdot xtara xi *spare part* sabiex jaghmel it-tiswijiet mehtiega, tant li fir-rapport tal-Inkjesta jinghad "*Mr Ezzadine also confirmes that after landing in Djerba, Mr. Bartolo did not request any maintenance assistance*". Ma rrizultat ebda prova fejn l-ajruplan *de quo* ghadda minn xi skrutinju indipendenti dwar l-aspetti ta' sigurtà, konsidrat il-vjagg turbolenti li kellu lejn Djerba. Kien f'dan is-sens li l-ewwel Qorti qalet li l-fatt li l-ajruplan kien certifikat bhala *airworthy* f'Jannar tas-sena 1995, ma kien ifisser xejn, proprju minhabba dak li gara fil-vjagg bejn Malta u Djerba.

Fit-tieni punt jigi trattat il-maltemp fejn tigi kkritikata l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li "*Carmel Bartolo ma jidhirx li ta wisq importanza lit-temp*" u dan b'referenza ghall-vjagg tat-2 ta' Dicembru, 1995, kif ukoll dak tat-3 ta' Dicembru, 1995. Jispjegaw li jirrizulta mill-provi li l-bdot kien ikkonsulta ruhu dwar it-temp mal-awtoritajiet tal-ajruporti qabel iz-zewg vjaggi u li kellu kompetenza bizzejjed kemm li jiggestixxi titjira fil-maltemp, kif ukoll li jikkonstata l-kondizzjonijiet b'tali mod li l-vjagg seta' jsir. Kien ghalhekk li l-bdot iddecieda li jistenna seba' sighat qabel ma beda l-vjagg tieghu lura lejn Malta.

Din il-Qorti qieset ix-xhieda tal-passiggieri tat-titjira tat-2 ta' Dicembru, 1995, minn Malta ghal Djerba, fejn inghad minnhom li l-ajruplan dahal dritt gol-maltempata*:* "*the aircraft headed straight into a tremendous storm with flashes of lightning, heavy rain and hail and everything iced up. There was severe turbulence and the aircraft was thrown about,*" - sitwazzjoni li mid-deskrizzjoni tal-istess passiggieri, inkwetat l-istess bdot. Izda minkejja din l-esperjenza qarsa, meta qabel ma l-bdot telaq minn Djerba lejn Malta jirrizulta li huwa kien mgharraf dwar il-maltemp ahrax waqt *pre-flight briefing* u ghalkemm offrewlu kopja tar-rapport tat-temp, huwa qalilhom "*thata's all right*". Din kienet il-versjoni li ta' kemm Mr. Lagha Ezzeddine tat-Tunisian Bureau for the Investigation of Accidents, kif ukoll tramite xhud iehor li vverifika mad-Direttur tal-Avjazzjoni Civili, f'Tunes. Ghalkemm din l-instabbilità fit-temp hija deskritta bhala normali fuq il-Mediterran f'dan iz-zmien tas-sena, l-ufficjal ewlieni tal-Ufficcju Meteorologiku ta' Malta, il-Maggur Joseph Mifsud, kif ukoll is-Sur Joe Sultana, Director Operations fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, kkonfermaw li l-Awtoritajiet Maltin hargu "***SIGMET***" li hija definita bhala "*warning to aircraft saying that there is great instability".* Dan kollu, maghdud mal-fatt li kontrarjament ghal dak li jinghad mill-konvenuti appellanti, jirrizulta mir-rapport tal-Inkjesta li dakinhar tat-3 ta' Dicembru, 1995, "*on the day in question, no other light aircraft took-off from Djerba airport,*" din il-Qorti ssib li kien floku l-kumment tal-ewwel Qorti meta jinghad minnha li l-bdot ma jidhirx li ta

wisq importanza ghas-sitwazzjoni relattiva ghat-temp. Dan jinsab ukoll korroborat permezz tar-rapport tal-Bord tal-Inkjesta meta jinghad:

> "*pilot Carmelo Bartolo failed to better familiarise himself with potential hazards such as icing and thunderstorms particularly when he had already confronted same hazards on his outbound flight from Malta to Djerba*. …*Carmelo Bartolo failed to perceive that conditions were unsafe for himself and for passengers. This is evident from his lax attitude towards briefings, documentation and operation of his aircraft. ...pilot Carmelo Bartolo failed to judge the actual effect of the weather on his aircraft, especially considering its known state prior to take-off from Djerba*".

Taht it-tielet punt il-konvenuti appellanti jishqu fuq il-kompetenza tal-bdot Carmelo Bartolo kemm fl-esperjenza twila li kellu fin-numru ta' sighat li ghamel f'dak li jissejjah "*flight hours*", kif ukoll dwar it-tahrig estensiv li kellu; dan sabiex jattakkaw id-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti li Carmelo Bartolo kien bniedem li lest jiehu r-riskji. Jargumentaw li kieku dan kien il-kaz, Carmelo Bartolo ma kien jinghata qatt licenzja ta' pilota kummercjali mill-Federal Aviation Administration tal-Istati Uniti tal-Amerika jew li jghaddi l-ezamijiet tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili. Ghalhekk jinsistu li Carmelo Bartolo ma kienx wiehed li lest li jtir akkost ta' kollox u qisu li kien ma jimportah minn xejn u minn hadd, kwazi lanqas minnu nnifsu u mill-familja tieghu.

Mhux kontestat li l-bdot Carmelo Bartolo kien kompetenti, fis-sens li kellu l-kwalifiki mehtiega sabiex sar bdot. Kif gustament rilevat mill-atturi appellati l-kompetenza li kellu l-bdot Carmelo Bartolo ma twassalx ghal presunzjoni li ma kienx negligenti, u ma tezonerahx minn kull htija.

Tabilhaqq il-htiega li l-bdot jadopera l-kura mehtiega fit-twettieq tal-inkarigu tieghu, tmur lil hinn mill-kwistjoni tal-kwalifiki li kellu. Mill-assjem tal-provi, senjatament iz-zewg punti ezaminati qabel dan, f'dak li ghandu x'jaqsam l-istat tal-ajruplan qabel ma telaq minn Djerba u l-kwistjoni tat-temp, fil-verità jindikaw illi l-bdot kien propens li jiehu riskju u mhux joqghod jistenna sabiex jivverifika l-aspetti ta' sigurtà jew li jhalli l-maltemp ibatti qabel ma ttanta l-vjagg tieghu lejn Malta. Din hija materja ta' valutazzjoni tal-provi, li kif inghad qabel hija materja ta' diskrezzjoni spettanti lill-gudikant. Meta din il-Qorti xtarret ir-rizultanzi probatorji hija wkoll waslet ghall-konvinciment li Carmelo Bartolo kien tip ta' bniedem li lest li jiehu riskju, minkejja s-sitwazzjoni mwieghra quddiemu.

Imiss li jigi trattat ir-raba' punt, dak dwar l-awtorizzazzjonijiet ta' Excelair Services Limited u Sun Aviation Limited. Il-konvenuti appellanti jqisu li l-ewwel Qorti kienet influwenzata mill-fatt li minkejja li l-ajruplan 9H ABU, kien proprjetà ta' Sun Aviation Limited, li kellha licenza ristretta ghal titjiriet privati u l-garr ta' *parachutists*, it-titjira in kwistjoni ma kienitx koperta mil-licenzja ta' Sun Aviation Limited. It-titjira kienet organizzata minn Excelair Services Limited, li kellha licenzja ampja li tkopri l-vjagg in kwistjoni u skont il-kondizzjoni numru 3 tal-Air Service Licence hija ma kienitx obbligata li torganizza titjiriet bl-ajruplani taghha biss, tant li thalliet mid-Direttur tal-Avjazzjoni Civili tuza l-ajruplani kif inghad. Din fil-

fehma tal-konvenuti appellanti, hija prova cara li t-titjiriet ma kienux qeghdin isiru bi ksur tar-regolamenti.

Din il-Qorti ezaminat l-Air Service Licence datata l-1 ta' Lulju, 1995 mahruga mill-Ministeru ghat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknologija favur is-socjetà konvenuta appellanti Sun Aviation Co. Limited fuq il-Piper Lance 9H ABU li nharget specifikatament "*for the carriage and dropping of parachutists for hire or reward*". Din il-licenzja kienet valida ghal sena biss. Mentri dik mahruga mill-Ministeru ghat-Trasport u Komunikazzjoni fid-19 ta' April, 1993, favur is-socjetà konvenuta appellanti Excelair Services Limited kienet valida ghal hames snin u kienet tipprovdi ghal ajruplani li jipprovdu *chartered services* b'kapacita li jesghu tnax-il passiggier u zewg tunnellati cargo. Il-konvenuti appellanti pproducew ukoll Air Operator's Certificate mahrug fuq Excelair Services Limited fis-26 ta' Lulju, 1995, li li kien mahrug fuq Piper Navajo PA 31-310 (8 seater) u Cessna Caravan II F406 (14 seater), "*for the purpose of Public Transport*", li kienet tipprovdi wkoll li: "*Operations may be carried in Europe and Africa north of the equator*". Dan l-Air Operator's Certificate ukoll kien validu ghal sena. Dan kollu fil-fehma ta' din il-Qorti, jfisser li l-licenzi li kienu mahruga liz-zewg kumpaniji kienu distinti u mhux semplicement mahruga fuq kull tip ta' attività kummercjali intrapriza mis-sid, izda ghal zmien determinat u sahanstra ghal ajruplani

specifici skont l-attività kummercjali proposta u mhux kif jittantaw jghidu l-konvenuti appellanti.

Dawn il-fatti, fil-fehma ta' din il-Qorti, ukoll jitfghu dawl fuq il-mod xejn ghaqli ta' kif kien jopera Bartolo, li kien qieghed juza' l-Piper Lance ghal garr ta' passiggieri fuq ajruplan b'mod kummercjali, meta ma kienx kopert bl-*air service licence* idoneja (ara f'dan is-sens ukoll rapport tal-Bord tal-Inkjesta). Huwa veru li Carmelo Bartolo kien is-sid taz-zewg kumpaniji, izda effettivament jirrizulta wkoll li din in-non-osservanza ta' regolamenti wassal lid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili li johrog numru ta' avvizi fil-konfront ta' Carmelo Bartolo, li kien rinfaccat ukoll b'ordni li gie "*grounded*" kif ukoll sar rapport lill-Pulizija sabiex tistharreg l-operazzjonijiet irregolari da parti tal-istess Carmelo Bartolo. Dan kollu fil-fehma ta' din il-Qorti, jikkontradici r-raba' punt imqajjem mill-konvenuti appellanti u jxejjen dak li jinghad minnhom fir-rigward.

L-ahhar punt imqajjem taht it-tieni aggravju jitratta l-applikazzjoni hazina tad-dottrina ta' *res ipsa loquitur.* Il-konvenuti appellanti jikkontendu li sabiex jigi invertit l-oneru tal-prova jrid ikun hemm evidenza cara u tangibbli tal-oggett li bih sehh l-incident, li juri li d-dinamika tal-istess incident evidentement sehh kif jidher *ictu oculi.* Fil-fehma tal-konvenuti appellanti, d-dottrina in kwistjoni ma tistax tigi applikata ghall-kaz in ezami, konsidrat li l-fdalijiet tal-ajruplan instabu numru ta' xhur wara, li

juru biss li l-ajruplan spicca fil-bahar. Jattakkaw il-presunzjoni tal-ewwel Qorti li l-ajruplani anke jekk zghar, normalment ma jaqghux, billi jghidu li s-sigurtà u t-teknologija fl-avjazzjoni mhix daqstant zviluppata li tapplika l-presunzjoni li jekk ajruplan jaqa', dan jista' jkun biss ghal raguni imputabbli lill-bdot. Ghalhekk jargumentaw li ma kienitx korretta l-ewwel Qorti meta ppretendiet li l-konvenuti appellanti jaghtu spjegazzjoni ta' kif gara l-incident sabiex jezimu ruhhom mir-responsabbilità.

Il-konvenuti appellanti jergghu jaghmlu referenza ghax-xhieda prodotta rigward il-manutenzjoni regolari li kienet issir fuq l-ajruplan in kwistjoni. Kwindi jishqu li filwaqt li l-ewwel Qorti skartat il-provi dwar l-*airworthiness* tal-ajruplan, il-konkluzjoni taghha hija msejsa fuq l-assunzjoni li l-ajruplan ittajjar minghajr *alternator belt,* b'batterija baxxa u dritt ghal gewwa tempesta, b'perikolu car ghall-bdot u ghall-passiggieri tieghu. Fuq il-batterija, il-konvenuti appellanti jirreferu ghall-fatt li l-batterija baqghet tahdem sal-4.10am meta saret komunikazzjoni mal-*control tower* ta' Djerba, sabiex jittantaw jattakkaw ix-xhieda ta' Paul Lehman. Jissottomettu li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti kienet zbaljata, in kwantu meta jitqiesu l-kompetenza tal-bdot, u l-kondizzjoni tal-ajruplan li kien suggett ghal manutenzjoni regolari, fuq bilanc ta' probabbiltajiet, il-kawza tal-incident ma kellhiex tigi attribwita lill-bdot jew sid l-ajruplan, izda ghal fatturi esterni.

Fuq dan il-punt jigi osservat li huwa minnu li kaz ta' *res ipsa loquitur* jitratta sitwazzjoni fejn l-oggetti stess jaghtuk stampa cara ta' x'gara. Izda ghalkemm dak li jissejjah *res ipsa loquitur* jista' ma jkunx bizzejjed sabiex tigi radikata htija fl-imputat fi proceduri kriminali, hawnhekk qeghdin fil-kamp civili u hu bizzejjed li l-Qorti tkun konvinta fuq bazi ta' probabilita' li l-konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli. Huwa ritenut pacifiku li 'l hekk imsejha duttrina tar-*res ipsa loquitur*, li giet importata mill-gurisprudenza Ingliza, ma taghmilx hlief li tisposta l-oneru ta' prova u tohloq bhal speci ta' prezunzjoni ta' *prima facie* li t-tort huwa ta' wiehed u mhux tal-iehor. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **John Formosa noe v. Joseph Zammit** deciza fit-30 ta' April 1993))

Il-konvenuti appellanti jirrepetu hafna mill-argumenti li gew trattati qabel taht dan l-istess aggravju u a skans ta' repetizzjoni ssir referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fir-rigward. Il-fatt li kien hemm maltempata kbira ma tezonerax lill-bdot Carmelo Bartolo mir-responsabilità ghall-incident. Ghalkemm il-konvenuti appellanti jittantaw jatribwixxu l-akkadut ghal fatturi estraneji u totalment barra mill-kontroll taghhom, (taht ir-raba' aggravju jissemmew il-possibilità li l-ajruplan intlaqat minn sajjetta jew minn tromba tal-arja), jigi mfakkar li in tema ta' forza magguri, fir-rigward tad-difiza tal-kaz fortuwitu, il-gurisprudenza hi cara fis-sens li meta l-akkadut ilmentat ikun konsegwenza ta' azzjoni

jew ommissjoni tal-bniedem, din il-linja difensjonali ma tistax tirnexxi. Kif inghad mill-Prim'Awla fis-sentenza taghha tat-2 ta' Ottubru, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Cassar et noe v. Air Malta p.l.c.:**

> "*Id-difiza tal-forza magguri kif spjegat b'mod tant car il-Qorti fil-kawza Anthony Borg et vs Dr. Tonio Mallia et noe deciza fil-31 ta' Jannar 2012 tehtieg li ma jridx ikun hemm xi sehem, pozittiv jew negattiv (fis-sens ta' omissjoni jew nuqqas) tal-bniedern". Minbarra dan, huwa mghallem ukoll li biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm grajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tigri mill-forzi tan-natura, imma jehtieq li tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tigi evitata bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias"': Hekk ukoll bl-istess mod, fejn xi hadd jallega li jkun sab ruhu f'qaghda fejn ma seta' bl-ebda mod jevita I-accident, ikun irid tabilfors juri li jkun sab ruhu f'dik il-qaghda bla htija tieghu. "Inevitable accident is where a person, in doing an act which he lawfully may do, causes damage without either negligence or intention on his parta' ", Ghaldaqstant, id-difiza tal-accident inevitabbli ma tistax titqajjem b'success jekk kemm-il darba tirrizulta negligenza min-naha ta' min jinvokaha [(ara wkoll App Civ 16/1/1984 fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Apap pro et noe vs Francis Degiorgio et (mhix pubblikata)]*".

Wara li din il-Qorti ezaminat l-assjem tal-provi, taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti li rriskontrat nuqqasijiet fl-operat tal-bdot Carmelo Bartolo u ma tinsabx konvinta li dan tassew ghamel dak kollu li kien fil-kontroll tieghu jew li ezercita d-diligenza mehtiega minn *bonus pater familias* sabiex jigi evitat l-incident in ezami. Kif gustament rilevat mill-ewwel Qorti, l-Artikoli 1030, 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdu li kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dan l-uzu; kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu; jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Din il-Qorti bhal ta' qabilha tirriskontra n-nuqqasijiet addebbitati

lill-bdot Carmelo Bartolo. B'hekk huwa ritenut li fil-kaz in ezami ma tista' qatt tirnexxi l-linja difensjonali ta' forza magguri.

Lanqas ma huma korretti l-konvenuti appellanti meta jghidu li peress li d-dinamika tal-incident qatt ma seta' jigi determinat b'mod cert lanqas ma setghet tigi determinata il-kawza prossima ghall-incident. Dan jinsab kontradett mhux biss mis-sentenza appellata, li fil-fehma ta' din il-Qorti hija wahda ragunata, izda wkoll mill-konkluzjoni tal-Bord tal-Inkjesta, li attribwixxa l-kawza prossima tal-incident lil tliet fatturi: "*(a) lack of aircraft airworthiness; (b) adverse weather conditions; (c) pilot fatigue, anxiety and stress;*" - liema fatturi jaqghu sewwa sew fir-responsabbilità tal-bdot li ghandu r-responsabbilità tad-decizjoni finali. Kien ghalhekk li l-istess Bord ikkonkluda li dawk responsabbli li jiehdu certu decizjonijiet bhal Carmelo Bartolo, Direttur Manigerjali ta' Sun Aviation, sid l-ajruplan, kif ukoll il-bdot tieghu, ghandhom jaghtu kont ghall-azzjonijiet taghhom u d-decizjonijiet mehuda minnhom. Il-Bord sab li kien hemm kaz ta' negligenza da parti tal-bdot peress li ddecieda li jipprocedi bit-titjira f'ajruplan li ma kienx f'kondizzjoni pristina, u f'kondizzjonijiet tat-temp xejn favorevoli. Dan meta kien konsapevoli li kellu problema fl-*alternator belt* tal-ajruplan u gharfien tat-temp hazin li fih kien ha jwettaq il-vjagg, kemm mill-avvizi li nghata, kif ukoll mill-esperjenza li kellu waqt it-titjira minn Malta ghal Djerba. Meta l-bdot skarta dan kollu u ddecieda li jipprocedi bil-vjagg, dan wassal ghar-

rizultat tragiku li fih tilfu hajjithom in-nies. Ghalhekk din il-Qorti taqbel li l-bdot Carmelo Bartolo irid igorr ir-responsabilità ghall-konsegwenzi kollha ta` dak l-incident. Dawn ir-rizultanzi kollha jxejjnu wkoll kull teorija mressqa mill-konvenuti appellanti dwar kemm suppost damet topera l-batterija fuq l-ajruplan, li hija meqjusa rrilevanti, konsidrat in-nuqqasijiet gravi riskontrati fl-agir tal-bdot.

Isegwi li dan it-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti bid-diversi punti mqajjma tahtu, ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

Imiss li jigi trattat it-tielet aggravju, dak fejn il-konvenuti appellanti jargumentaw li r-responsabbilità ghad-danni tal-pilota ma setghetx tigi trasmessa lill-konvenuti personalment. Il-konvenuti appellanti jishqu li s-sentenza appellata kienet legalment zbaljata in kwantu kkundannat lill-familja Bartolo responsabbli *in solidum* ghall-incident ladarba assumew l-atti ghan-nom tal-pilota Carmelo Bartolo. Fil-fehma taghhom l-assunzjoni tal-atti tal-kawza minflok parti tikkomporta biss it-tkomplija tal-atti tal-kawza minflok dik il-parti, peress li min jassumi l-atti jidhol fiz-zarbun tal-predecessur tieghu. Jikkontenddu li meta bhala eredi komplew il-kawza minflok id-*decuius*, dan m'ghandux ipoggihom f'pozizzjoni aghar milli kieku l-predecessur taghhom kompla l-kawza, aktar u aktar meta l-kaz in ezami jitratta l-*culpa aquiliana*. Jghidu li sa minn meta fid-dritt Ruman giet introdotta l-*actio legis Aquiliae* jew *culpa*

*aquiliana*, il-pozizzjoni dejjem kienet li r-responsabbilità ta' min ikkommetta l-att delittwali ma tigix trasmessa lill-eredi. Huma jiccitaw xi awturi in sostenn tat-tezi taghhom. Jishqu li hemm element ta' kontradittorjetà peress li ghalkemm l-ewwel Qorti kkoncediet li l-familja Bartolo ma kienitx personalment responsabbli ghall-incident, madankollu gew ikkundannati jhallsu d-danni, ladarba assumew l-atti minflok Carmelo Bartolo u ghalhekk kellhom jaghmlu tajjeb huma personalment.

Fir-rigward ta' dan l-aggravju, jinghad illi ladarba Carmelo Bartolo kien ritenut responsabbli ghall-incident bl-ajruplan, l-eredità tieghu ghandha terfa l-konsegwenzjali danni li kkawza l-istess Bartolo. Meta l-ewwel Qorti ghamlet il-premessi fis-sentenza taghha li ghalkemm il-familja Bartolo kienet citata mill-atturi fil-vesti personali taghhom, qalet ukoll li fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ma sar l-ebda accenn li kien hemm ghemil minn wiehed mill-konvenuti Bartolo li jirrendih responsabbli ghal dak li gara fit-3 ta' Dicembru, 1995. Fi kwalunkwè kaz mill-provi rrizulta li n-negozju kien gestit minn Carmel Bartolo u kien il-*modus operandi* tieghu li kienet il-kawza principali tal-incident in kwistjoni. Madankollu meta fid-decide taghha l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-familja Bartolo u kkundannathom sabiex jaghmlu tajjeb ghad-danni solidalment maz-zewg kumpaniji konvenuti appellanti, spjegat ukoll li

dan kien qieghed jinghad specifikatament peress li l-familja Bartolo assumiet l-atti minflok Carmelo Bartolo. Tant hu hekk li qalet ukoll:

> "*Taghmilha cara li b'din is-sentenza il-konvenuti Bartolo ma nstabux responsabbli personalment li kellhom xi tort fl-incident tal-ajru li sehh fit-3 ta' Dicembru 1995, b'dan li gia ladarba assumew l-atti tal-kawza minflok il-bdot Carmelo Bartolo, jridu jaghmlu tajjeb huma*".

Mhux kontestat il-fatt li l-konvenuti familja Bartolo permezz ta' nota pprezentata fil-21 ta' Marzu 2012, assumew l-atti tal-kawza minflok Carmelo Bartolo, u b'hekk dahlu fiz-zarbun ta' Carmelo Debono. Il-familja Bartolo ghamlu dan fil-kwalità taghhom ta' eredi ta' Carmelo Bartolo. Il-presunzjoni fil-ligi hi li werriet ikun accetta l-wirt sakemm dan jew jirrinunzja ghalih fit-terminu prefiss fil-ligi jew jaccettah bil-beneficcju tal-inventarju ai termini tal-istess ligi, haga li l-konvenuti appellanti m'ghamlux. Il-konvenuta appellanti Antonia Bartolo, in kontro-ezami xehdet li, sa fejn taf, hadd minnhom ma rrinunzja ghall-wirt. Ghalhekk il-mezz legali sabiex tigi limitata r-responsabbilità patrimonjali hija dik li l-wirt jigi accettat bil-beneficcju tal-inventarju. Fin-nuqqas ta' prova li l-konvenuti appellanti accettaw il-wirt bil-beneficcju tal-inventarju, ghamlu taghhom il-pizijiet u l-konsegwenzi kollha tal-eredità (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Gunju, 1958, fil-kawza fl-ismijiet **George Vella v. Angelo Vella et**).

Mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-minuri Karl Bartolo. L-accettazzjoni tal-wirt ma setghetx legittimament issir minn ommu f'ismu

hlief bil-beneficcju tal-inventarju (Artikolu 848 tal-Kodici Civili), u ghalhekk isegwi li kwalunkwè mod iehor ta' accettazzjoni huwa null. Id-dikjarazzjoni f'dik in-nota tal-21 ta' Marzu 2012, ma setghet qatt issarraf f'accettazzjoni pura, sija espressa jew tacita, tal-eredità f'isem il-minuri. Hija meqjusa relevanti f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tad-9 ta' Jannar, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **Gasan Enterprises Limited et v. Georgina Meli et** fejn inghad ukoll:

> "*Anke jekk mhux strettament rilevanti ghall-iskop ta' din il-kawza, kif kanonizzat bl-Artikolu 890, Kodici Civili l-effett tal-accettazzjoni tal-eredità bil-beneficcju tal-inventarju hu dak li l-eredi izomm separat u distint il-patrimonju partikolari tieghu minn dak tal-eredità. Ara "Elvira Ciantar Vincenti -vs- William Portelli et", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' April 1933. Kif insenjat mil-Laurent, ("Principii di Diritto Civile", Vol. X para. 90 pagna 85), "Il principio sarebbe dunque questo: l' erede beneficiato è erede, dunque rappresenta il defunto e continua la sua persona. A questo titolo, egli è tenuto al pagamento dei debiti; ma non vi è tenuto sovra i suoi beni personali, potendosi procedure soltanto sovra i beni dell' eredita … l'accettazione beneficata impedisce questa confusione dei beni e fa che l' erede possiede due patrimoni, quello del defunto ed il suo, e il beneficio d' inventario gli da il vantaggio di non essere tenuto per i debiti che sui beni dell' eredità." Ara a propozitu s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, tat-2 ta' Lulju 1934 in re: "Elvira Ciantar Vincenti -vs- Emilia vedova Valentini". Kif sewwa mbaghad rilevat, l-accettazzjoni b' dak il-beneficcju tiprospetta diversi possibilitajiet ta' x' jista` jaghmel l-eredi li jaccetta l-wirt bil-beneficcju msemmi u xi drittijiet ghandu l-kreditur b' diversi eventwalitajiet. Ara "Paul Azzopardi nomine -vs- Guido Falzon", Appell Kummercjali, 20 ta' Lulju, 1994;*".

Isegwi li dan l-aggravju ma jimmeritax li jintlaqa' fil-kaz ta' Antonia Bartolo, Liliana Bartolo, Roseanne Attard u Jacqueline Bartolo u ser jigi michud, izda jista' jintlaqa' biss fir-rigward tal-minuri Karl Bartolo, kif hawn inghad.

Fir-raba' aggravju, il-konvenuti appellanti jikkontendu li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-Konvenzjoni ta' Varsavja. Jibdew billi jaghmlu referenza ghall-applikabbilità tal-Konvenzjoni ghal Malta u jiccitaw diversi artikoli tal-istess Konvenzjoni taht dan l-aggravju. Jiccitaw ukoll dik il-parti tas-sentenza appellata li titratta l-Konvenzjoni, fejn apparti li jinghad li l-Konvenzjoni kienet applikabbli biss fil-konfront ta' Excelair Limited, peress li t-titjira saret minn din il-kumpanija, mhix applikabbli ghall-kaz in ezami, ladarba ma saritx il-prova li l-passigieri nghataw biljett tal-ajru, kif mahsub taht l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. L-appellanti jikkontendu li dan ir-ragunament tal-ewwel Qorti kien zbaljat ghal diversi ragunijiet:

(i) Jikkontendu li l-Konvenzjoni ta' Varsavja ma tapplikax biss fil-konfront ta' min jorganizza t-titjira izda wkoll fil-konfront tas-sid l-ajruplan Sun Aviation Limited u fil-konfront tal-pilota Carmelo Bartolo;

Il-punt dwar jekk l-iskop tal-Konvenzjoni hijiex limitata ghal vettural jew ghandhiex tigi estiza ghal bdoti kienet ezaminata minn Tribunal ta' Versailles fil-kaz fl-ismijiet **Ministre Public c. Billet,** permezz ta' sentenza li nghatat fil-11 ta' Lulju, 1964. Billet beda azzjoni civili kontra l-bdot tal-linja tal-ajru, filwaqt li l-vettural kien sussegwentement ukoll imsemmi bhala konvenut fil-kawza. It-Tribunal wara li ezamina l-Artikolu 28, dwar il-gurisdizzjoni, qies li ma setax jinghad li impjegat jew bdot

seta' jinvoka d-difiza hemm kontemplata. Dwar din is-sentenza u l-applikabbilità tal-Konvenzjoni ghall-impjegati tal-vettural, il-Professur Emmanuel du Pontavice qal hekk:

> "*existe un contrat de transport aerien entre le transporteur et le passager et ce contrat est soumis aux dispositions de la Convention de Varsovie, qui concernent la compétence, la prescription et la limitation de la responsabilité. La Convention de Varsovie ne fait pas bénéficier les préposés du transporteur de ces dispositions. Le pilote ne peut se prévaloir des stipulations du billet de passage lorsqu'il est recherché par la victime en vertu de la faute qu'il a commise personnellement; il ne peut invoquer le contenu du contrat de transport et notamment les dispositions de la Convention de Varsovie qui régissent celui-ci*".

Din il-Qorti taqbel perfettament u meta tapplika dan il-principju ghall-kaz in ezami tqis li minkejja li kuntratt bejn il-vettural u l-passiggier jista' jkun soggett ghall-Konvenzjoni in kwistjoni, din m'ghandhix tigi estiza ghall-impjegati jew bdoti tal-vettural. Il-bdot m'ghandux jithalla jinvoka l-Konvenzjoni specjalment fejn il-vittma jew l-eredi taghha jfittxu ghad-danni li rrizultaw konsegwenza ta' zball li l-istess bdot huwa meqjus responsabbli ghalih. Kwindi din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti appellanti.

(ii) <u>L-ewwel Qorti rreferiet ghal Artikolu 3(1) tal-Konvenzjoni izda mhux ghall-Artikolu 3(2), li fil-fehma taghhom minnu jirrizulta car li huwa l-passiggier li jrid jipprova li l-ajruplan accettah minghajr biljett;</u>

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-asserzjoni tal-konvenuti appellanti. Dana jinghad peress li huwa l-vettural li johrog il-biljett u f'kaz li jintilef, huwa biss jista' johrog kopja ohra tal-biljett. Dana lil hinn mill-kwistjoni jekk il-vjagg kienx bi hlas jew le. Dan apparti li l-ewwel Qorti ccitat proprju l-Artikolu 3(2) tal-Konvenzjoni. L-istess konvenuti appellanti donnhom jiskartaw is-sens tat-tieni sentenza fl-istess artikolu, li jipprovdi:

> "*Nevertheless, if the carrier accepts a passenger without a passenger ticket having been delivered he shall not be entitled to avail himself of those provisions of this Convention which exclude or limit his liability*".

Din il-Qorti bhal ta' qabilha tqis li ladarba huma l-konvenuti appellanti li qeghdin jinvokaw l-applikabbilità tal-Konvenzjoni, kien jispetta lilhom li jipprovdu tali prova. Fin-nuqqas, huwa ritenut li ghamlet sew l-ewwel Qorti meta applikat il-provvedimenti tal-Kodici Civili ghall-kaz in ezami.

(iii) Il-kwistjoni jekk it-titjira kienitx privata jew kummercjali ma taffettwax l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni fis-sens li minkejja l-kwistjoni ta' hlas il-Konvenzjoni tibqa' applikabbli. Kwindi l-konvenuti appellanti jikkontendu li ghandu japplika l-limitu ta' danni rikuperabbli ta' €19,056.12 specifikat fl-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni u mhux il-principji ta' responsabbilità kif rizultanti mill-Kodici Civili. Fl-ahhar ta' dan l-aggravju, il-konvenuti appellanti jispjegaw 'il ghala fil-fehma taghhom ma ghandux japplika l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni, fis-sens li vettural ma

jistax jinvoka l-provvedimenti tal-Konvenzjoni sabiex jillimita r-responsabbilità tieghu, jekk kemm-il darba n-nuqqas tieghu huwa wiehed ekwivalenti ghal "*wilful misconduct*", liema kuncett huwa ekwivalenti ghal dak li l-Francizi jsejjhu bhala "*dol*". Il-konvenuti appellanti jishqu li ma jirrizultawx provi li xi hadd mill-konvenuti intenzjonalment jew b'nuqqas ekwivalenti ghal agir intenzjonali kkaguna l-mewt tar-ragel tar-rikorrenti. Jghidu li Carmelo Bartolo ma kienx qieghed fuq missjoni omicida u suwicida, altrimenti kien jaf ben tajjeb li kien jinvalida l-assigurazzjoni li biha kien kopert l-ajruplan, izda li x'aktarx l-ajruplan intlaqat minn sajjetta jew tromba tal-arja qabel ma spicca fil-bahar.

Mhux kontestat li l-Konvenzjoni ta' Varsavja – *Convention for the Unification of Certain Rules relating to International Carriage by Air*, iffirmata f'Varsavja fl-1929 taghmel parti mill-ordinament guridiku Malti, u tipprovdi ghal rimedji kontra l-vettural f'kaz ta' danni, fil-limiti hemm indikati. Ghalkemm tezisti gurisprudenza Ewropea estensiva dwar il-kuncett ta' *wilful misconduct* fil-qasam partikolari, hija dik ta' qabel is-sena 1955, meta saret l-emenda fl-Artikolu 25 permezz tal-Protokoll tal-Aja, li baqghet ma gietx ratifikata minn Malta. Hekk fi Franza kien hemm numru ta' kazijiet fejn il-vettural kien ezentat mix-xilja ta' *wilful misconduct*: ara per ezempju **Soc. Nordic Transport v. Air France** [1953] Revue Francaise de Droit Aérien, 105; **Croche Hennessy v. Air**

**France** [1952] Revue Francaise de Droit Aérien, 199; u **Del Vina v. Air France** [1954] Revue Francaise de Droit Aérien, 191. Filwaqt li f'kazijiet ohra l-vettural kien misjub responsabbli ghal *wilful misconduct:* **Gallais v. Société X** [1954] Revue Francaise de Droit Aérien, 184 u **Missirian v. Air France** [1956] Revue Générale de l-Air, 67. Dawn il-kazijiet kollha jixhdu l-prudenza li biha l-Qrati dejjem imxew biha meta applikaw l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni.

Interessanti f'dan is-sens ukoll l-artikolu ta' Giuseppe Guerreri intitolat **Wilful Misconduct in the Warsaw Convention: A Stumbling Block? – McGill Law Journal (Vol.6 No.4)** li ezamina l-gurisprudenza varjata li kien hemm fiz-zmien meta xtarr hames kazijiet quddiem il-Qrati Amerikani u iehor quddiem il-Qrati Inglizi li kollha rreferew ghall-kuncett ta' *wilful misconduct* li jinkludi kemm l-elementi ta' "*dol*" u "*faute lourde*". Fl-ewwel kaz quddiem il-Qrati Inglizi fejn inghatat interpretazzjoni tal-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni kien dak fl-ismijiet **Horabin v. British Overseas Airways Corporation [1952]** 2 All E.R. 1016, fejn l-Imhallef indirizza l-gurija fuq il-kuncett ta' *wilful misconduct* b'dan il-mod:

> "*In order to establish wilful misconduct the plaintiff must satisfy you that the person who did the act knew at the time that he was doing something wrong and yet did it notwithstanding or, alternatively, that he did it quite recklessly, not caring whether he was doing the right thing or the wrong thing, quite regardless of the effects of what he was doing…<u>To be guilty of wilful misconduct the person concerned must appreciate that he is acting wrongfully or he is wrongfully omitting to act, and yet persists in so acting or omitting to act regardless of the consequences, or acts or omits to act with reckless indifference as to what the result may be</u>*". (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti)

Ghalkemm l-element ta' *wilful misconduct* kien eskluz mill-operat tal-vettural f'dak il-kaz, meta din il-Qorti tapplika dawn il-principji hawn fuq esposti ghall-kaz in ezami, issib li l-bdot Carmelo Bartolo agixxa *recklessly* fis-sens kif qabel inghad li ghalkemm kien ben konsapevoli li kien ikun indikat li jsiru verifiki u tiswijiet fuq l-ajruplan u li jistenna li tghaddi l-maltempata sew qabel ma jibda l-vjagg tieghu lura lejn Malta, huwa ghazel li jipprocedi, minkejja li kien jaf sew bhala bdot il-konsegwenzi ta' dawn in-nuqqasijiet. Dan jinghad ukoll peress li wara l-esperjenza tat-titjira minn Malta ghal Djerba f'maltemp qalil, fejn diversi strumenti fuq l-ajruplan waqfu jahdmu, il-bdot kien ben konsapevoli tar-riskji li l-vjagg lura fil-maltemp kien ser jesponi lill-ajruplan u lill-passiggieri ghalihom. Dan ma jfissirx li l-bdot kien bilfors, kif jghidu l-konvenuti appellanti, fuq xi missjoni ta' omicidju jew suwicidju, peress li taht dan il-kuncett mhux mehtieg li jkun hemm intenzjoni specifika li twassal ghall-hsara konsegwenzjali li grat. Rilevanti f'dan is-sens ukoll **Pollock: The Law of Torts (London 1923) u McNair: The Law of the Air (London 1953 2nd Ed.), 203-204**:

> "*…his behaviour will also fall under this rubric, even if he does not deliberately desire the consequences, but is merely recklessly indifferent as to whether or not they ensue*".

Konsegwentement mhux xieraq li l-konvenuti appellanti japprofittaw ruhhom mil-limitazzjoni tar-responsabbilità li jaghti l-Artikolu 25 tal-

Konvenzjoni ta' Varsavja u ghalhekk ir-raba' aggravju wkoll ser jigi michud.

L-ahhar aggravju tal-konvenuti appellanti jitratta l-ilment li l-komputazzjoni tad-danni hija wahda gholja wisq. Jilmentaw li l-atturi ma ressqux l-ahjar prova li kienet tkun opportuna bhal prospett tat-taxxa fuq id-dhul tad-*decuius.* Kif ukoll il-kuntratt ta' impjieg esebit mill-atturi kien wiehed definit, li ma jaghti ebda certezza, li huwa kien ser izomm dan il-livell ta' introjtu ghal zmien indefinit, aktar u aktar meta wiehed iqis li x-xoghol kien ibbazat il-Libja, fejn l-impjiegi huma ta' natura volatili hafna, konsidrat l-incertezzi politici fil-pajjiz. Ghalhekk jishqu li l-ewwel Qorti ma ghamlitx sew meta adottat paga ta' €2000 fix-xahar fuq medda ta' hmistax-il sena bhala l-bazi tal-kalkolu taghha.

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili jipprovdi kif ghandhom jigu kalkolati d-danni:

> "*Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib*".

Ghalhekk fil-kaz tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacità li fil-kaz tal-mewt, bhall-kaz in ezami, titqies totali. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, wara li tevalwa c-

cirkostanzi tal-kaz, tistabbilixxi s-somma ta' danni dovuta sabiex taghmel tajjeb ghad-dannu mgarrab. M'hemmx dubju li l-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna danneggjata minn dejjem ikkostitwiet problema, kif hekk jirrizulta minn ezami tad-diversi decizjonijiet in materja. Il-bazi tal-ligi taghna fil-kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latitudini wiesgha u diskrezzjonali tal-gudikant, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis opportuna l-osservazzjoni maghmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha tal-14 ta' Mejju, 2012, fil-kawza fl-ismijiet **Edward Amato et v. Christopher Agius et** fejn inghad:

> "*In linea generali, huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li "l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-pozizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara" ("Tufigno vs Micallef noe", Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta' April 1965). Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga` jitqieghed ragonevolment fl-istat li kien qabel sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz...*".

Issa ghalkemm huwa minnu li ma tressqitx id-dikjarazzjoni tat-taxxa tad-dhul tad-*decuius*, madankollu l-atturi appellati ressqu in atti l-kuntratt tal-impjieg tieghu bhala *Assistant Driller* fuq ir-*rigs* taz-zejt ghal sena, datat 18 ta' Ottubru, 1995, li kien jipprovdi ghall-hlas ta' US$2000 fix-xahar li kellu jigi rivedut ghal US$2,375 (ekwivalenti ghal €2000) ftit wara tliet

xhur, u diversi *payslips* tal-awtur taghhom tal-impjieg li kellu precedentement ma' kumpanija ohra fil-Libja fejn il-paga kienet tisboq l-€2000 fix-xahar. Kwindi ma ssib xejn censurabbli fil-kalkoli tal-ewwel Qorti meta adottat din il-figura bhala l-bazi tal-kalkoli taghha tal-paga tad-*decuius.* Jinghad ukoll li l-provi mressqa ma gewx kontradetti bl-ebda mod.

Skont ic-certifikat tal-mewt, Philip Farrugia kellu 42 sena meta sehh l-incident. Ghalkemm huwa minnu li l-kuntratt ta' impjieg kien ghal zmien definit ta' sena, l-ewwel Qorti hadet kont ta' dan il-fatt meta ghamlet il-kalkoli taghha. Fil-fatt l-attrici Grace Farrugia xehdet li r-ragel taghha kien ilu bejn hmistax u sittax-il sena jahdem dan it-tip ta' xoghol u li fihom kien hemm sena li ma kellux xoghol peress li l-kumpanija li kien jahdem maghha tilfet xi kuntratti. Ghalhekk din il-Qorti ma tara xejn hazin fil-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti meta rriteniet li fuq bazi ta' probabbilità kien ikompli jahdem f'din l-industrija. Inoltrè ghalkemm kien hemm il-probabbilità li l-paga tieghu tizdied ukoll, peress li huwa maghruf li dan it-tip ta' xoghol irendi sew, hija xorta hadmet fuq il-bazi ta' €2000 fix-xahar.

Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-kalkoli adoperati mill-ewwel Qorti u ghalhekk filwaqt li taghmilhom taghha, tichad ukoll dan l-ahhar aggravju tal-konvenuti appellanti.

Trattat l-appell principali, imiss li jigi indirizzat l-appell incidentali mressaq mill-atturi li jitratta zewg aggravji: fl-ewwel lok l-atturi appellanti incidentalment jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-Ministru ghat-Trasport u d-Direttur tal-Avjazzjoni Civili ma kienux responsabbli ghall-incident *de quo,* u t-tieni ilment jitratta l-ordni moghtija li huma jhallsu kwart mill-ispejjez.

Fil-kaz tal-ewwel aggravju taghhom, l-atturi appellanti incidentalment jikkontendu li, fil-kaz tal-Awtoritajiet kkoncernati wkoll, kellha tinstab ir-responsabbilità taghhom ghall-akkadut, peress li huma kienu ilhom jafu ghal zmien twil li Bartolo kien qieghed jopera dawn it-titjiriet klandestinament. Dan ukoll kellu jittiehed bhala l-kawza prossima li wassal ghall-incident in kwistjoni. Huma jargumentaw li r-rwol tal-Awtoritajiet ma kienx wiehed passiv, peress li l-fatt li l-ajruplan thalla jopera b'dan il-mod konsistenti, juri rwol attiv. L-Awtoritajiet kellhom obbligu li jaraw li r-regoli mfassla jigu osservati u dan billi l-Istat jezegwixxi r-regoli miktuba. Ladarba dan il-*modus operandi* tal-bdot kien ilu ghaddej ghal zmien twil, l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li t-titjira fatali sehhet semplicement minhabba decizjoni personali. Il-fatt li d-Dipartiment talab li l-Pulizija sabiex tinvestiga l-kaz kien biss nofs pass ghalhiex fil-fehma taghha d-Dipartiment kien obbligat li jinvestiga hu stess ukoll. Wara kollox, il-ligi stess kienet taghti l-poter lid-Direttur tal-Avjazzjoni Civili, li jzomm fizikament lill-ajruplan milli jtir u ghalhekk kull

darba li l-ajruplan telaq minn Malta, dan kien bil-kunsens espress tad-Direttur appellat. Filwaqt li jergghu jaghmlu referenza ghall-gurisprudenza citata minnhom quddiem l-ewwel Qorti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, jirribadixxu r-responsabbilità tal-awtoritajiet ghall-akkadut.

Ghandu jinghad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju, peress li kif inghad qabel, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti, li l-kawza prossima tal-incident li sehh fit-3 ta' Dicembru, 1995, ma kienx l-agir tal-Awtoritajiet jew in-nuqqas taghhom li jiehdu l-passi fil-konfront ta' Carmelo Bartolo jew tas-socjetajiet gestiti minnu, izda huwa rizultat tad-decizjonijiet li ha Carmel Bartolo u l-*modus operandi* tieghu bhala direttur tal-kumpaniji qabel imsemmija.

Inoltrè minn ezami akkurat tar-Rapport tal-Bord tal-Inkjesta jirrizulta li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili ha passi fil-konfront tal-operat ta' Carmelo Bartolo u tas-socjetajiet gestiti minnu. Dan kemm fil-kaz li kien riferut lill-Pulizija konsistenti f'titjira ghal passiggieri bi hlas lejn Catanja permezz tal-istess ajruplan Piper Lance 9H-ABU fis-6 ta' Gunju, 1995, kif ukoll:

> "*on the strength of evidence collected there is a clear indication that Carmelo Bartolo was making use of this particular aircraft for the transportation of passengers for reward, notwithstanding that Sun Aviation did nt have a required air service licence. There is confirmation to this effect from police investigations and other documents on record.*

> "*Carmelo Bartolo as the Managing Director of his two companies (Sun Aviation and Excelair), fused and confused both companies to suit his purpose, particularly when Excelair faced difficulties,* ***such as having its aircraft temporarily impounded by prohibitory injunction or grounded by direct order from DCA as a result of non-compliance with regulations or did not have sufficient flight crew to man his aircraft. As evidenced from the many warnings meted out by DCA to Carmelo Bartolo and his companies are indicative of the situation***".

Dan kollu ma jaghtix impressjoni ta' Dipartiment li baqa' passiv jidher li kien qieghed jiehu l-passi fil-konfront ta' Carmelo Bartolo u l-kumpaniji gestiti minnu, liema passi dejjem kienu qeghdin jiskalaw.

Madankollu, kif rilevat mill-awtoritatjiet appellati, jibqa' l-fatt li l-incident sehh meta l-ajruplan telaq minn Djerba u huma ma kellhom ebda rwol jew kontroll fuq id-decizjoni tal-bdot li jitlaq minn Djerba minkejja l-problemi riskontrati minnu ftit sighat qabel u minkejja l-avvizi mahruga tal-instabilità fl-ajru moghtija lill-bdot, kemm mill-Ufficcju Metereologiku ta' Malta u dak ta' Djerba. Konsiderazzjonijiet ohra maghmula mill-Bord tal-Inkjesta, ritenuti relevanti u li jsostnu li l-kawza prossima tal-incident kien proprju l-agir ta' Carmelo Bartolo huma s-segwenti:

> "*failed to better familiarise himself with potential hazards such as icing and thunderstorms…failed to perceive that conditions were unsafe for himself and his passengers. This is evident from his lax attitude towards briefings, documentation and operation of his aircraft….The pilot flew the aircraft on the return sector not in conformity with the provisions of the Aircraft Flight Manual (DOCS PAC 2 and PAC3). …failed to judge the effect of the weather on his aircraft, especially considering its known state prior to take off from Djerba…considering all aspects pilot Carmelo Bartolo failed to comply with the ordinary standard of care commensurate with the dangerous consequences which were reasonably comprehensible*".

Kienu dawn il-konsiderazzjonijiet kollha li wasslu lill-Bord ghall-konkluzjoni li:

> "*the proximate cause of the accident can be attributed to these factors, viz:*
> *(a) lack of aircraft airworthiness;*
> *(b) adverse weather conditions;*
> *(c) pilot fatigue, anxiety and stress;*
>
> "*The three preceding factors fall under the control of the aircraft commander with whom rests the responsibility and final decision…*
>
> "*Those in charge of making decisions, as was definitely the case with Carmelo Bartolo, Managing Diretor of Sun Aviation, owner of the aircraft and pilot of same aircraft, should be held accountable for their acts and decisions*".

Din il-Qorti bhal dik ta' qabilha, kif ukoll bhall-Bord tal-Inkjesta, ma tirriskontra ebda responsabbilità da parti tad-Dipartiment jew tal-Ministru konvenut appellati li waslet ghat-tragedja in kwistjoni peress li ma hemm ebda ness bejn l-agir taghhom u l-incident li sehh. Ghalhekk ma tqisx dan l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti incidentalment bhala misthoqq.

Jonqos li jigi trattat it-tieni u l-ahhar aggravju tal-atturi, dak li jikkoncerna l-ispejjez tal-kawza. L-atturi appellanti jispjegaw dan l-aggravju billi jghidu li l-uniku prova li setghu jressqu fi stadju bikri kien l-affidavit tal-attrici Grace Farrugia u d-dokumenti annessi mieghu. Mentri kellhom jistennew id-dekors tal-ghaxar snin a tenur tal-Artikolu 223 tal-Kodici Civili, qabel setghu jinbdew il-proceduri sabiex Philip Farrugia jigi dikjarat mejjet (liema proceduri jgibu referenza 1093/2006 u gew decizi

mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-17 ta' Lulju, 2007). Kien wara din is-sentenza biss li setghu jipproducu c-certifikat tal-mewt u r-ricerki testamentarji sabiex setghu jiddikjaraw il-provi taghhom bhala maghluqa. Jaghmlu referenza wkoll ghall-kumplessità tal-kawza u ghal-fatt li tul is-snin kienet assenjata lil erba' Imhallfin differenti li tenut kont il-kumplessità, kull wiehed minnhom kellu jiehu konjizzjoni tal-kawza u ta' dan ma kienux jahtu huma.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas dan l-ahhar aggravju ma jimmerita l-akkoljiment tieghu. Fil-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili jinghad li f'kull sentenza definittiva l-Qorti ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez (Artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Huwa biss meta kull parti tkun meqjusa bhala telliefa, jew meta jkun hemm xi punt difficli li jigi ddeterminat, jew ghal xi raguni tajba ohra, li ghandu jkun hemm varjazzjoni minn dan il-principju. Issa meta wiehed iqis li ghalkemm huwa minnu li l-proceduri sabiex Philip Farrugia jigi dikjarat mejjet kellhom jiehdu certu zmien, dawn gew konkluzi fl-2007, izda sabiex inghalqu l-provi da parti tal-atturi ghaddew erba' snin ohra. Tant hu hekk li l-ewwel Qorti hasset li kellu jinghata provvediment fil-15 ta' Gunju, 2011 fejn inghad minnha:

> "*Ghaldaqstant hu fl-interess tal-atturi li jirregolaw il-pozizzjoni prekarja li prima facie tidher li tinsab fiha din il-kawza. Kawza li ghalkemm ilha pendent sa mill-1997, l-unika prova li hemm fl-atti hu affidavit tal-attrici u xejn aktar*".

Fil-fatt din il-Qorti tosserva li esebiti fl-arkivju li jiffurmaw parti minn dawn il-proceduri u jikkostitwixxu prova gew esebiti fl-ahhar tas-sena 2011. Inoltrè, minkejja li r-rapport tal-Bord tal-Inkjesta kien lest sa mis-sena 2006, liema prova kienet wahda kardinali fil-kawza odjerna, dan gie pprezentat fl-atti sitt snin wara, fis-sena 2012. Dawn il-provi setghu facilment isiru qabel l-2007. Trattat dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalhekk tezisti raguni tajba 'l ghala l-ewwel Qorti ddecidiet kif effettivament ghamlet dwar il-kap ta' spejjez, u ma ssib ebda raguni valida sabiex tvarjaha.

Isegwi li lanqas dan it-tieni aggravju tal-atturi appellanti incidentalment ma jirrizulta li huwa gustifikat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali interpost mill-konvenuti Bartolo, Sun Aviation Limited u Excelair Services Limited billi filwaqt li tichad l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames aggravji, tilqa' t-tielet aggravju limitatament kif inghad, u tirriforma s-sentenza fis-sens biss li l-minuri Karl Bartolo ghandu obbligu li jhallas solidalment lill-atturi, limitatament sa fejn ghandu sehem mill-wirt patrimonjali ta' Carmelo Bartolo.

Tordna lir-Registratur sabiex jaghmel il-l-korrezzjoni opportuna fl-okkju tas-sentenza fis-sens li bejn il-kliem Excelair u Limited tidhol il-kelma "Services".

Tiddisponi mill-appell incidentali billi tichad l-istess u ghalhekk tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-ewwel Qorti, tal-31 ta' Jannar, 2014, fl-ismijiet premessi.

Bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif ordnat mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk mertu ta' dan l-appell jithallsu in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenuti appellanti u terz mill-atturi appellanti incidentalment.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb